MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 368/2005

**Middlesea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Fidele Aquilina ghan-nom u in rappresentanza ta' F.A. Limited (C3737) abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip 'comprehensive' u tal-ligi**

**Vs**

**Joseph Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien

unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident kif ukoll illi d-danni reklamati huma esagerati.

Ra l-*Front To Rear Form* fejn Donna Buttigieg bil-vettura EAC 858 kellha hsara fuq quddiem tal-*bonnet*. Filwaqt li l-konvenut kellu l-*bumper* fuq quddiem u l-*mudguard* fuq in-naha tal-lemin.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Rosette Calafato li hija Claims Handler mas-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Donna Buttigieg fejn tghid li waqt li kienet niezla t-triq ghall-bajja tal-Gnejna, l-konvenut hareg mill-parking u sar l-impatt. Tikkonferma li kienet fuq il-lane taghha.

Buttigieg tghid illi rat il-vettura tal-konvenut meta hareg.

Tichad illi hemm *traffic island* fit-triq. Tghid illi hi baqghet niezla dritt. Buttigieg tghid illi hemm biss triq wahda fejn jinzlu u jitilghu l-karozzi. Tikkonferma li kienet ghaddejja b'ghoxrin kilometru fis-siegha u bejn il-vettura taghha u l-bankina fuq il-lemin taghha kien hemm distanza ta' karozza.

Tikkonferma li fir-rapport qalet li kienet tletin centimetru 'l boghod mill-bankina pero' ssib diffikulta' tghid ezatt bhala distanza jekk hux metri jew centimetri. Tghid illi ma kienx hemm karozzi quddiemha.

Tghid ukoll illi ma kienux gew pulizija fuq il-post ta' l-incident u meta cemplulhom il-pulizija qalulhom biex jimlew il-*Front To Rear Form*. Ma tiftakarx jekk wara l-incident irriversjatx jew baqghetx niezla. Tikkonferma wkoll illi kien hemm il-karozzi pparkjati fuq ix-xellug.

Ra x-xhieda ta’ Gaetano Buttigieg li kien *front seat passenger* ma’ Donna Buttigieg fejn jikkonferma x-xhieda ta’ l-istess Donna Buttigieg.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi t-triq minfejn kien hiereg kien hemm karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat. Jikkonferma li kien hemm *traffic island* impingija biz-zebgha ma’ l-art fejn il-karozzi setghu jidhlu fil-*parking area* min-naha taghha u johorgu min-naha l-ohra ta’ l-istess *traffic island*.

Jikkonferma illi qabel ma hareg hu hares ‘l isfel, ‘il fuq u hekk kif rega’ hares ‘l isfel sab lil Buttigieg ma’ wiccu u sar l-impatt. Jghid li Donna Buttigieg ghaddiet minn fuq it-*traffic island* u kien ghalhekk li sar l-incident.

Jghid illi kien hemm xi tul ta’ zewg karozzi u nofs minfejn hareg hu ghal got-*traffic island*.

Il-konvenut jghid illi t-triq minfejn kienet niezla Donna Buttigieg m’hijiex *two lane*. Jikkonferma li kellu hsara fuq il-*front bumper* tal-lemin kif ukoll il-hsara ta’ l-attrici kienet fuq il-*front bumper* u fuq il-*bonnet*.

## Ikkunsidra

Illi kien il-konvenut li kien hiereg fit-triq principali li kellu jara li jieqaf qabel ma johrog u jara jekk hemmx karozzi. Il-konvenut kien f’*parking area* u qabel ma hareg kellu jassigura li mhux se jostakola karozzi fit-triq. Il-konvenut ma kienx ra dak li kellu jara u baqa’ hiereg. Dan kien il-kagun prossimu w uniku tal-habta.

Fil-kawza **Pulizija Vs Pawlu Borg Vol. XXVI. 1. 797** intqal:

“Ghalkemm driver ghandu joqghod attent sija jekk ikun fuq id-dritta kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, huwa intuittiv, u hu principju affermat f’diversi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi driver li sejjer jidhol fit-triq, minn triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak id-driver fuq it-triq dritta,

ghas-semplici raguni li hu jkun sejjer jaqsam is-“stream of traffic” li jkun hemm fuq it-triq dritta…”

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali datata 16 ta’ Lulju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------